



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Settembru 2023
(OR. en)

12510/23

LIMITE

CORLX 824
CFSP/PESC 1178
CONUN 222
MOG 111
CONOP 72
COARM 217
FIN 875

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/...

ta' ...

li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/413/PESK¹ dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran.
- (2) Jenħtieġ li l-entrata li tikkonċerna entità waħda deżinjata fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/413/PESK tiġi aġġornata.
- (3) Għalhekk id-Deċiżjoni 2010/413/PESK jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK tas-26 ta' Lulju 2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK (ĠU L 195, 27.7.2010, p. 39).

Artikolu 1

L-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/413/PESK huwa emendat f'konformità mal-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

Fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/413/PESK taħt l-intestatura "I. Persuni u entitajiet involuti fl-attivitajiet nukleari jew tal-missili ballistiċi u persuni u entitajiet li jipprovdu appoġġ lill-Gvern tal-Iran", l-entrata li ġejja tissostitwixxi l-entrata korrispondenti fil-lista li tinsab taħt is-subintestatura "B. Entitajiet":

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
"148.	Iran Composites Institute (magħruf ukoll bħala Composites Research Laboratory (CRL))	Iran Composites Institute, Iranian University of Science and Technology, 16845-188, Tehran, Iran, Telefon: 98 217 3912858 Fax: 98 217 7491206 Posta elettronika: ici@iust.ac.ir Sit web: http://www.irancomposites.org	Iranian Composites Institute (ICI, magħruf ukoll bħala Composite Institute of Iran; Composites Research Laboratory (CRL)) qed jgħin lil entitajiet deżinjati fil-ksur tad-dispożizzjonijiet tas-sanzjonijiet tan-NU u l-UE fuq l-Iran u qed jappoġġa direttament attivitajiet nukleari tal-Iran sensittivi f'termini ta' proliferazzjoni. Mill-2011, ICI kien ġie kkuntratt biex jipprovdi lil Iran Centrifuge Technology Company (TESA), deżinjata mill-UE, bi skrejjien ta' ċentri fuġu IR-2M.	22.12.2012".